

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 84/2012

tat-30 ta' April 2012

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

“, kif emendat permezz ta’:

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II ta' mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 47/2012 tat-30 ta' Marzu 2012 (¹).
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 890/2010 tat-8 ta' Ottubru 2010 li jemenda l-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-objekti tal-ikel li ġejjin mill-annimali fejn tidħol is-sustanza derquandel (²) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 914/2010 tat-12 ta' Ottubru 2010 li jemenda l-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-objekti tal-ikel li ġejjin mill-annimali fejn tidħol is-sustanza derquandel (³) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 13 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 37/2010) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II mal-Ftehim:

— **32010 R 0890:** ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 890/2010 tat-8 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 266, 9.10.2010, p. 1),

— **32010 R 0914:** ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 914/2010 tat-12 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 269, 13.10.2010, p. 5)."

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 890/2010 u (UE) Nru 914/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tīgi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*L-Aġġent President*

*Gianluca GRIPPA*

<sup>(1)</sup> ĠU L 207, 2.8.2012, p. 27.

<sup>(2)</sup> ĠU L 266, 9.10.2010, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 269, 13.10.2010, p. 5.

<sup>(\*)</sup> L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.